SANNAT

Minuti tal-wieħed u sittin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

3535 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħat numru 58 li saret fit-12 ta' Ottubru, numru disgħa u ħamsin li saret fit-3 ta' Diċembru u tas-sittin laqgħa li saret fis-7 ta' Diċembru 2012.

**Item 2. Mill-Minuti**

3536 (*para. 2480)* Għal laqgħa ġie Marco Attard mis-Sezzjoni tal-Beach Cleaning rigward ix-xogħol fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Hu ssuġġerixxa li ħames bankijiet jitpoġġew faċċata tal-baħar fuq n-naħa tax-Xewkija, erbgħa oħra jitpoġġew fejn jorbtu d-dgħajjes. Dawn tal-aħħar jitneħħew fix-xitwa, imħabba l-maltemp. Fejn l-art mhix livell isir ftit konkos fuq ġenb wieħed. Hu ppropona li jsiru erba' mwejjed bil-bankijiet li jinħadmu mis-sezzjoni tal-Beach Cleaning stess. Dawn jiġu jiswew madwar €120 il-wieħed f'materjal. Ix-xogħol isir b'xejn mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning. Faċċata tal-baħar isir railing tat-travi tal-10 cm x 10cm bħala ħxunha. Fis-slipway isir railing tal-ħadid. Tal-Beach Cleaning qed jissuġġerixxu li madwar s-siġar isir bil-konkos u imdawrin bil-lava.

**Item 3. Tender 8/2012 – Tender for the provision and planting of trees and shrubs and Manufacture and installation of park furniture at Tal-Bidwi Park.**

Preżenti għal-laqgħa kien hemm il-perit Edward Scerri li ta spjegazzjoni tar-rapport tiegħu fuq din it-tender. Din it-tender kienet maqsuma fi tnejn.

3537 (**a) Proviżjon u tħawwil ta’ siġar u ta’ arbuxelli**

Fil-kummenti tiegħu l-perit qal li hu fis-sezzjoni tas-siġar u arbuxelli kien hemm żewġ offerti li kienu:

| | |
|---|---|
| Calamatta Landscapes Ltd. | €11,541.48ċ VAT inkluża |
| Xerri’s Garden Centre | €14,651.49ċ VAT inkluża |

L-irħas waħda kienet ta’ Calamatta Landscapes Ltd. Il-Kunsill approva li din tingħata lilhom.

3538 **(b) Manifattura u nstallazzjoni tal-*park furniture***

Fil-kummenti tiegħu l-perit qal li fis-sezzjoni tal-manifattura u nstallazzjoni tal-park furniture kien hemm hemm tlett offerti li kienu:

| | |
|---|---|
| Rapa Showrooms | €15,528.21ċ VAT inkluża (Option 1) |
| | €22,044.41ċ VAT inkluża (Option 2) |
| | €14,461.98ċ VAT inkluża (Option 3) |
| Calamatta Landscapes Ltd. | €16,209.00ċ VAT inkluża |
| Xerri’s Garden Centre | €12,250.00ċ VAT inkluża (Option 1) |
| | €15,181.20ċ VAT inkluża (Option 2) |

L-irħas waħda kienet ta’ Xerri’s Garden Centre. Il-Kunsill approva li din tingħata lilu.

3539 *(para. 2476)* Is-Sindku semma dak li qal is-Segretarju dwar il-ħatra ta’ Perit u Project Manager tal-Bidwi Park. Il-perit Scerri li kien preżenti għal laqgħa qal li hu għandu ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti u Paying Agency li ngħaddiet lilu mis-Segretarju fejn tgħid li jista’ jkun kemm Technical Consultant, kif ukoll Project Manager tal-istess proġett. Is-Segretarju ppreżentalu email mingħand il-Paying Agency fejn tgħid li biex perit ikun Technical Consultant u Project Manager tal-istess proġett, iridu jkunu ħarġu żewġ talbiet formali separati fuq il-gazzetta tal-gvern għaż-żewġ “jobs”. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma għandux żmien x’jitlef għaliex il-proġett irid jitlesta fil-ħin u ppropona li jibqa’ jagħmel iż-żewġ xogħlijiet.

**Item 4. Tender 09/2012 - Tender for the supply, installation, testing and commissioning of mechanical & electrical system at Tal-Bidwi Park**

3540 Ġie preżentat ir-rapport ta’ evalwazzjoni minn Gala Curmi Engineering Consultants. F’dan ir-rapport qalu li l-unika tender li kien hemm kienet ta’ Richard Cauchi. L-offerta tiegħu kienet ta’ €36,372, VAT inkluża. Huma rrakomandaw li din tingħata lilu fuq bażi li teknikament kienet tajba u li finanazjarjament kien prezz ġust.

3541 *(para. 2435)* Rapa Showroom Ltd. ġabu l-fanali tat-Tender tas-*Supply of light fittings for public area in Triq Skerla* – Tender 06/2012. Dawn għandhom jitwaħħlu minn Richard Cauchi.

SANNAT

3542 *(para. 2487)* Rigward it-tender 07/2012 tal-ġonna pubbliċi nġabu ammont ta' pjanti u tħawlu fi Triq it-28 ta' April 1688 u fi Triq Xamgħan.

**Item 4. Materja Oħra**

3543 Ġew approvati r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011 u l-Quarterly Reports.

Il-Kunsill qabel li ssir l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill. Din għandha ssir nhar is-Sibt, 5 ta' Jannar 2013.

**Item Approvazzjoni tal-Kontijiet**

3544 Il-Kunsill approva l-kontijiet pendenti skont Skeda Numru 28 li hi annessa mal-minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-19.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |